

Brussell, 26 ta' Frar 2018  
(OR. en)

15781/17

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2017/0032 (NLE)**

---

**MOG 88**  
**IRAQ 11**  
**CFSP/PESC 1154**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Iraq, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...**

**ta' ...**

**dwar l-iffirmar,  
f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha,  
u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll  
għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni  
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda,  
u r-Repubblika tal-Iraq, min-naħa l-oħra,  
sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja  
mal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 91, 100, 207 u 209, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Iraq, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim"), ġie ffirmat fil-11 ta' Mejju 2012.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 6(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-Kroazja, l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Ftehim għandha tiġi maqbulha permezz ta' protokoll (il-"Protokoll"). Għal tali adeżjoni jenħtieġ li tapplika proċedura ssimplifikata, li permezz tagħha jiġi konkluż protokoll bejn il-Kunsill, li jaġixxi unanimament f'isem l-Istati Membri, u l-pajjiż terz ikkonċernat.
- (3) Fl-14 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-pajjiżi terzi kkonċernati fid-dawl tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni. In-negozjati mar-Repubblika tal-Iraq ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Protokoll fl-24 ta' Awwissu 2016.
- (4) Ir-Repubblika tal-Kroazja saret Stat Membru tal-Unjoni fl-1 ta' Lulju 2013.
- (5) L-Artikolu 5(3) tal-Protokoll jipprevedi l-applikazzjoni provviżorja tiegħu sakemm dan jidħol fis-seħħ.
- (6) Il-Protokoll jenħtieġ li jiġi ffirmat u applikat fuq bażi provviżorja sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

L-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Iraq, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-Protokoll imsemmi.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

### *Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar lill-persuna jew persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

### *Artikolu 3*

Il-Protokoll għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja f'konformità mal-Artikolu 5(3) tiegħu, mill-1 ta' Lulju 2013, sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---